MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 5 ta' Jannar 2016**

**Kumpilazzjoni numru: 303/15**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Thomas Gouder**
**ID: 10198(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Thomas Gouder** talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Dicembru 2015 u fl-erba' xhur ta' qabel:

1. Ipproduca, biegh jew xort' ohra ittraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Art 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu.

3. Kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu.

4. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Dicembru 2015 l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali avzatu bil-konsegwenza legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni registrata mill-imputat, il-Qorti, wara li rat l-atti processwali, ma tistghax hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward tal-piena il-Qorti sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

1. Illi l-imputat, meta gie arrestat, kien ghadu kemm ghalaq tmintax-il sena gurnata qabel;
2. Illi l-imputat ghandu fedina penali netta u jirrizulta li qieghed isegwi kors ta' *computing* gewwa Universita' estera;
3. Illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-Pulizija tant li anke ghazel li jirrilaxxa stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti sabiex jghin lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom u stqarr li kien lest li jixhed fil-konfront tal-persuna li allegatament fornietu bid-droga in kwistjoni;
4. Illi l-imputat instab fil-pussess ta' mitt (100) gramma raza tal-cannabis u ta' erbghin (40) gramma cannabis *grass*, liema ammonti mhumiex xi ammonti negligibbli;
5. Illi l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputat ghandu jibbenifika mit-tnaqqis fil-piena ai termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti se tnaqqas il-piena karcerarja b'zewg gradi u l-piena pekunjarja bin-nofs.

Illi meta hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena misthoqqa lill-imputat li kieku ma jibbenefikax mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 ghandha tkun dik ta' sentejn prigunerija effettiva u multa ta' erbat elef ewro (€4000). Madankollu din il-piena se tigi ridotta sabiex tirrifletti dak permess mill-imsemmi artikolu u cioe' li l-piena karcerarja titnaqqas b'zewg gradi ghal wahda ta' sena (1) habs effettiv filwaqt li l-piena pekunjarja se titnaqqas bin-nofs u cioe' ghal multa ta' elfejn ewro (€2000).

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 8 (a), (d) u (e), u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Thomas Gouder** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' **tnax-il xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz – u ghall-hlas ta' **multa ta' elfejn ewro (€2000)** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u

ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Madankollu, jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Finalment, fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qieghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess talba stante li l-istess Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li l-konkluzzjonijiet tal-istess esperti se jigu esebiti fi proceduri ohra pendenti kontra terza persuna.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

____________________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**